MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 554/1997/1

Rita Abela D’Amato
vs
Chairman Malta Development Corporation, Ministru ghall-Industrija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz ghall-habta tal-1992, ir-rikorrenti sofriet pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi ma gietx moghtija l-promozzjoni spettanti lilha u giet soggettata ghal stress mentali.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom, kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrenti bdiet fl-impjieg taghha bhala Charwoman fis-sena 1996 pero` dejjem kellha l-hajra timxi ‘l quddiem.

Illi fl-1991 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' messaggier u peress illi r-rikorrenti kienet tippossjedi standard ta' edukazzjoni ghal dan il-grad applikat.

Illi meta kienu hargu r-rizultati hija sabet lilha nfisha maqbuza minn persuna li fl-ewwel lok ma kellha xejn mill-kwalitajiet edukattivi tar-rikorrenti u fit-tieni lok, biex jikkonstata dan l-istat ta' fatt, din il-persuna qatt ma nghatat taghmel ix-xoghol konness mal-promozzjoni lilha moghtija tant illi baqghet taghmel ix-xoghol li kellha u cioe` ta' cleaner u mhux dak ta' messaggier.

Illi sussegwentement, kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' receptionist/clerk u peress illi hija kellha l-kwalifiki rikjesti applikat.

Illi meta kienet waqt l-interview hija giet mitluba certifikati konnessi mat-typing li ma kellhiex u ghalhekk giet skwalifikata fuq bazi li ma kenitx tifforma parti mir-rikjesti ghal dan kif jirrizulta mid-Dok A.

Illi konsegwenza ta' dawn l-ingustizzji, ir-rikorrenti kienet waqghet fi stat ta' depressjoni u bdiet anke tigi vittimizata mill-Manager taghha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fuq espost u rriservat illi tressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talbet lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u tinghata rimedju billi (1) jigi dikjarat illi fil-konfront taghha gew kommessi ingustizzji f'li giet imtellfa, f'zewg okkazzjonijiet separati l-promozzjonijiet li kienu jixirqulha, (2) tigi moghtija dik il-promozzjoniji/jiet b'lura u dawk il-beneficcji marbuta maghha/hom minghajr ma titlef kull dritt spettanti fir-rigward ta' promozzjonijiet futuri, (3) tinghata kumpens ta' hamest elef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb agir diskriminatorju u ngust fil-konfront taghha.

Ra d-dokumenti prezentata mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat Chairman Malta Development Corporation li eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok in-nullita` tar-rikors stante li dan ma jinkludix fih l-elenku tax-xhieda li kien rikjest b'mod tassattiv fl-Artikolu 7(2) ta' l-Att Nru. VII ta' l-1997. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti mhumiex legalment sostenibbli peress li fir-rikors hija ma indikat l-ebda xhieda, l-anqas taghha stess, biex tipprova l-ilmenti allegati minnha.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-ilmenti tar-rikorrent kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dan stante li ghar-rigward tas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta' 'Messenger I' li saret fl-1991, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma setghet issostni li giet maqbuza peress li dan il-post imtela' minn persuna li barra li kellha aktar seniority mir-rikorrenti, gabet marki aktar minnha fl-interview li kienet saret ghal dan il-post (Vide Dokument A). Kwantu ghall-fatt li din il-persuna ghal perjodu qasir baqghet taghmel l-istess xoghol li kienet taghmel qabel ma nghatat il-promozzjoni, dan l-arrangament kien konformi mal-policy tal-Gvern kif applikata fic-civil (vide Dokument B). Sussegwentament, il-persuna li nghatat il-promozzjoni kienet giet assenjata xoghol ta' messaggier fir-registru tal-Korporazzjoni.

3. Illi ghar-rigward tas-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' receptionist/clerk, fil-fatt hadd minn dawk li applikaw ma kienu nghataw dan il-post peress li l-ebda kandidat ma kellu l-kwalifiki jew il-hila mehtiega biex jaqdi d-doveri ta' 'clerk' (Vide Dokument C). Minn dawk li kienu applikaw kien hemm persuna li nghatat il-kariga ta' receptionist ghax instabet adatta ghal din il-kariga wara numru ta' xhur ta' esperjenza f'dan ix-xoghol.

4. Illi ghal kull buon fini inghad li b'effett mill-1 ta' Gunju, 1993 ir-rikorrenti nghatat promozzjoni minn Charwoman I ghal Charwoman II.

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti il-Korporazzjoni intimata ssottomettiet li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat Chairman tal-Malta Development Corporation.

Ra r-risposta tal-Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici li eccepixxa:

Illi l-ilment jikkoncerna l-amministrazzjoni nterna tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp li hija enti guridiku separat u li ghat-tmexxija taghha tirrispondi hi stess u huwa m'huwiex edott mill-fatti allegati u l-anqas ma huwa l-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta' l-Artikolu 181 B tal-Kap 12.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.
Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Rita Abela D`Amato xehdet fil-21 ta' April 1999 u kkonfermat il-fatti kollha indikati fir-rikors a fol 1 u 2 tal-process. Ziedet li l-persuna li rriferiet ghaliha hija Freda Axisa. Semmiet li hi taf tikteb, ghandha certifikat tat-Taljan u taf titkellem bl-Ingliz u sa fejn taf hi l-ohra m`ghandhiex dawn il-kwalifiki. Ma' l-MDC hi kienet dahlet bhala charwoman u l-ohra kienet gja qieghda tahdem hemmhekk.

Kienu applikaw 5. Fil-fatt wara li Axisa hadet il-promozzjoni ghal messenger qatt ma ghamlet ix-xoghol ta` messenger 1. Ziedet li ghall-applikazzjoni l-ohra clerk-receptionist kienu applikaw 5 ukoll u ma kien intaghazel hadd. Ix-xogholijiet li kellhom isiru minn clerk-receptionist

kienu dawk indikati fl-applikazzjoni, u r-rikorrenti sostniet li hi kienet kapaci taghmilhom. Qabel ma kienet tahdem l-MDC kienet ghamlet 10 snin tahdem f`fabbrika tat-tessuti u sentejn minnhom bhala supervisor. Ir-raguni li kienet telqet kienet li kellha relazzjonijiet difficli ma` supervisor ragel hemmhekk u kienet sabet li l-ahjar haga li kienet taghmel li titlaq biex tevita l-problemi. Illum qieghda grade 3 u qieghda bhala receptionist.

Xehdet <u>Maria Tereza Cauchi</u> Manager mal-Malta Development Corporation u li ilha f`din il-kariga mill-1 ta` Lulju 1997. Semmiet li zmien minnhom ir-rikorrenti kienet ghamlet talba ghal clerk/receptionist u kienet anke ghamlet l-interview fl-1992. In-nies li kienu ghamlu l-interview kienu s-Sur Emanuel J. Galea Manager Administration Division, Mr. Anthony Falzon u x-xhud li kienu Assistant Managers fl-1992. Kien hemm hamsa minn nies li kienu applikaw. In-nies in kwistjoni kienu Mr. Philip Gauci, Mr. Charles Saliba, Miss Maria Rosaria D`Amato, Mrs. Rita Abela D`Amato u Mr. Rene Bartolo. Kien interview biss u kienu wasalu ghall-konkluzjoni li ma sabu lill-ebda kandidat kapaci biex jimla l-post bhala clerk receptionist pero` mbaghad intghazel wiehed li pprova lilu nnifsu tajjeb bhala receptionist biss.

Fil-fatt kienu waslu ghal din id-decizjoni wara li sabu li ma kien hemm hadd li kien tal-livell sufficjenti biex ikun clerk/receptionist u minhabba l-fatt illi dak li ntaghzel gieli kien ghamel xoghol ta' receptionist ghas-sodisfazzjon taghhom.

Qabel ma r-rikorrenti applikat, il-kariga taghha kienet ta` charwoman waqt li Charles Saliba li kien accettat bhala receptionist biss fil-fatt kien impjegat fl-1987 bhala Messenger 1. Ir-rikorrenti kellha sa standard 7 tal-Government Primary School waqt li Saliba kellu sa standard 6 fil-Government Primary School. Hi ghandha wkoll telephone techniques course. Huma kienu jafuhom jahdmu hemmhekk u kienu waslu ghall-konkluzjoni li ghandu jintghazel Saliba minhabba l-past experience li kellu ta` receptionist ghax Saliba gieli ghamel dan ix-xoghol ghalkemm ufficjalment ma kellux dak ir-rank.

Adverse reports la kien hemm fuq Saliba u l-anqas fuq ir-rikorrenti.  Bhala seniority ir-rikorrenti dahlet f`August 1986 waqt li Saliba dahal f`Mejju 1987 izda f'karigi differenti.

Eskludiet li kien hemm xi evalwazzjonijiet politici f`dak li waslu ghalih dwar ir-rizultat.  Sa fejn taf hi s-sentimenti politici ta` dak li ntaghazel ma kienux differenti minn dawk tar-rikorrenti.

Il-grad ta' receptionist huwa superjuri ghal dak ta' Messenger I u ghalhekk meta applikat ir-rikorrenti hi kienet charwomen waqt li meta applika Charles Saliba hu kien gja Messenger I u ghalhekk kellu grad superjuri ghal taghha.  Ziedet li Charles Saliba kien ghamel Telephone Techniques Course waqt li r-rikorrenti ghamlitu pero` kien in segwitu ta' dan l-interview u ghalhekk infatti riedet taghmel dan il-punt car.

Illum il-gurnata r-rikorrenti tokkupa l-grad ta' receptionist pero` l-grad ta' receptionist tal-lum huwa ekwiparat ghal dak li precedentement kien clerk/receptionist.

Kien hemm ukoll l-applikazzjoni l-ohra tar-rikorrenti ghal kaz ta' Messenger I fit-12 ta' April 1991.  Kienu applikaw 5 kandidati.  L-interviewing board kien kompost minn Mr. Benny Vidal Manager Administration Division, Emanuel Galea Assistant Manager u mix-xhud li dak iz-zmien kienet Senior Executive.  Kienet intaghazlet Mrs. Freda Axisa.  Din kellha 50 sena u bhala kwalifiki kienet ilha tahdem.  Huma kienu hassew li l-ahjar applikanta kienet Freda Axisa u ghalhekk sar suggeriment li hi tigi promoted ghal Messenger I.

Ipprezentat Dokument MC2 a fol 51 tal-process fejn sar paragun bejn it-tnejn li huma u cioe` r-rikorrenti u Freda Axisa.  Semmiet li Freda Axisa kienet senior ta' Rita Abela fis-sens li Freda Axisa dahlet fl-1983 ma' l-MDC waqt li r-rikorrenti fl-1986.

Ix-xoghol ta' Messenger 1 Freda Axisa bdiet taghmlu aktar tard, wara li hadet l-appointment ghax baqghet ghal

xi zmien taghmel ix-xoghol ta’ charwoman pero` din mhux l-unika okkazjoni ghax kien hemm diversi nies li gew moghtija l-appointment pero` baqghu ghal xi zmien jaghmlu x-xoghol li kienu jaghmlu precedentement.

Xehed Anthony Falzon Manager Administration mal-MDC li semma li kien parti mill-bord dwar l-appointment ta’ receptionist/clerk. Fost l-applikanti kien hemm ir-rikorrenti li ma gietx maghzula. Ma kienu sabu lil hadd mill-applikanti li kien tal-livell necessarju filwaqt li kienu sabu persuna tal-livell ta’ receptionist li kien Charles Saliba. Kienu hassew li l-aktar persuna idoneja kien proprju Saliba, anke minhabba l-fatt li kien ghamel xi kors partikolari dwar dan.

Rita Abela D’Amato kienet Grade 2 waqt li Charles Saliba kien Grade 3 u ghalhekk kien senior. Saliba kien ukoll ghamel xi xoghol fir-reception precedentement.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ir-rikorrenti intavolat ir-rikors kontra c-Chairman Malta Development Corporation kif ukoll kontra l-Ministru ghall-Industrija. Il-Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici eccepixxa illi l-ilment jikkoncerna l-amministrazzjoni interna tal-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp li hija enti guridiku separat u li ghat-tmexxija taghha tirrispondi hi stess u huwa m’huwiex edott mill-fatti allegati u lanqas ma huwa l-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta’ l-Artikolu 181 B tal-Kap 12.

L-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li:

“Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.”

Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f’idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma

tat ebda raguni ghaliex il-Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici ghandu jkun fil-kawza u ghalhekk hu mhux il-legittimu kontradittur. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Jibqa' pero` illi din il-kawza hi istitwita wkoll kontra c-Chairman Malta Development Corporation. Il-Malta Development Corporation bhala l-ewwel eccezzjoni taghha semmiet in-nullita' tar-rikors stante li dan ma jinkludix fih l-elenku tax-xhieda rikjest skond l-Artikolu 7(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 izda dwar dan fil-21 ta' April 1999 it-Tribunal iddegreta li n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' xhieda ma jwassalx ghan-nullita` tar-rikors izda l-fatt li ma jistghux jigu prodotti xhieda ohra hlief il-partijiet fil-kawza. Dan gie diversament deciz fit-Tribunal f'hafna kawzi.

Nigu issa ghal mertu tar-rikors. L-ilment tar-rikorrenti fih zewg aspetti u cioe` wiehed illi hi ma gietx moghtija l-kariga ta' Messenger I in segwitu li kienet applikat ghaliha fl-1991 u l-iehor li ma nghatatx il-grad ta' Receptionist/Clerk jew ghall-anqas receptionist fl-1992/1993. Dawn iz-zewg aspetti sejrin jigu ezaminati separatament.

Dwar l-ewwel aspett ta' l-ilment u cioe` ghal dak ta' interviews ghal post ta' Messenger I kienu applikaw 5 izda giet appuntata wahda. Issa t-Tribunal diversi drabi zamm illi s-seniority ghandha sahha qawwija f'dak li hija promozzjonijiet, izda dejjem kif definit skond id-decizjoni moghtija mill-istess Tribunal fil-kawza ta' Anthony Scicluna kontra Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru 1998 fejn it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix

meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna/persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Mela hawnhekk jinkombi fuq it-Tribunal jara jekk effettivament kienx hemm xi raguni li tiggustifika li hi taqbez lil Freda Axisa ghax kif irrizulta fil-kors tal-kawza Freda Axisa kienet senior tar-rikorrenti fis-sens illi r-rikorrenti dahlet tahdem mal-Korporazzjoni fit-13 ta' Awissu 1986 waqt illi Freda Axisa kienet dahlet fil-15 ta' Settembru 1983. Il-punt l-aktar importanti huwa edukazzjoni. Infatti jirrizulta u dana jidher car a fol 11 u 12 tal-process ghalkemm imnizzel diversi drabi mix-xhieda moghtija specjalment ta' Mary Cauchi, illi r-rikorrenti kellha up to Standard 6 Primary School. Irrizulta wkoll illi r-rikorrenti kienet titkellem bl-Ingliz u bit-Taljan u fil-fatt gew anke esebiti zewg certifikati tat-Taljan tar-rikorrenti mahrugin fil-31 ta' Mejju 1979 Corsi di Lingua e di Cultura Italiana del Comitato di Malta kif ukoll iehor datat 30 ta' Mejju 1980 liema dokumenti jinsabu esebiti a fol 39 u 40 tal-process.

Irrizulta wkoll illi r-rikorrenti kienet tahdem mal-G.I.E., mal-Janstorp u l-Ladytex bhala factory operator ghall-13-il sena, izda l-Ladytex ghamlet xoghol ta' Supervisor ghal perjodu ta' sentejn. Minn naha l-ohra l-persuna li effettivament hadet il-kariga ta' Messenger I bhala edukazzjoni akkademika ma kellha xejn izda kienet tahdem bhala Cook/Maid ma' De La Salle College ghall-8 snin.

Hawnhekk it-Tribunal ihoss li r-rikorrent sofriet ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394 tal-Ligijiet ta' Malta. Infatti mir-rapport ta' l-ghazla, t-Tribunal ma jhossu xejn konvint illi ma kienx hemm raguni valida bizzejjed biex ir-rikorrenti

tinghata l-post ta’ Messenger I u mhux Freda Axisa. Dan apparti l-fatt li ghal xi zmien minnhom ghalkemm kienet hadet il-kariga Freda Axisa xorta wahda l-anqas biss hadmet ta’ Messenger I u ghalhekk f’dan ir-rigward it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet moghtija u jilqa’ t-talba tar-rikorrenti peress li gustifikata.

Hemm it-tieni aspett ta’ l-ilment u cioe` dak ta’ clerk/receptionist. Izda f’dan jinghad illi fil-fatt ma kienux sabu ebda kandidat tajjeb biex jimla’ l-post ta’ clerk/receptionist ghax hadd minnhom ma kellu l-livell ta’ clerk u spiccaw biex taw hatra ta’ receptionist biss u dana lil Charles Saliba. Kwalifiki tar-rikorrenti gja gew imsemmija.
Jifdal ghalhekk li wiehed irid jezamina wkoll il-kwalifiki ta’ Charles Saliba li kien ilu impjegat mal-Korporazzjoni mill-1987 fil-kariga ta’ Messenger I, liema kariga naturalment hija superjuri ghal dak ta’ Charwoman. Kellu esperjenza wkoll bhala receptionist precedentement u kien attenda Telephone Technique Course liema course r-rikorrenti ghamlitu pero` in segwitu ta’ l-interview. Hu kellu education up to Standard 6 at the Government Primary School u seta’ jitkellem kemm bl-Ingliz u kemm bit-Taljan. Illi f’dan ir-rigward ghalhekk jidher illi Charles Saliba u r-rikorrent kienu piu o meno ta’ l-istess livell akkademiku. Huwa veru li Charles Saliba dahal jahdem mal-MDC sena wara izda minn naha l-ohra Charles Saliba kien jahdem ta’ Messenger I minn 1987 u ghalhekk bhala seniority fil-fatt kien senior tar-rikorrenti, liema seniority kienet ghal numru ta’ snin u li anke kieku kellha tinghata r-rank ta’ Messenger I fl-1991 li ghaliha kif issemma aktar ‘il fuq it-Tribunal hass li kellha tinghata, xorta wahda kien jibqa’ l-fatt li kien ikollu 4 snin seniority apparti mill-livell akkademiku piu o meno ugwali.

Illi ghalhekk f’dan il-kaz, it-Tribunal ma jsibx li dan l-aspett ta’ l-ilment huwa gustifikat mill-parti tar-rikorrenti u f’dan il-kaz dwar il-post it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Malta Development Corporation.

Ghalhekk peress li jichad l-eccezzjonijiet tal-Malta Development Corporation dwar il-grad ta’ Messenger I u

jilqa' t-talba tar-rikorrenti u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Messenger I b'effett mill-1991, fl-istess data ta' meta inghatat lil Freda Axisa u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm hadet il-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas id-differenza fil-paga li sofriet.

Dwar it-talba ghal clerk/receptionist ossija receptionist dawn l-eccezzjonijiet gew milquha u naturalment it-talba michuda.

Spejjez kontra l-Malta Development Corporation hlief dawk relativi ghal Ministru ghall-Industrija u Affarijiet Ekonomici li huma a karigu tar-rikorrenti.